

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.2.2009  
KUMM(2009) 76 finali

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Dwar il-ftuħ tal-konsultazzjonijiet mal-Ginea f'applikazzjoni tal-Artikolu 96 tal-Ftehim  
ta' Cotonou**

## KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

### Dwar il-ftuħ tal-konsultazzjonijiet mal-Ginea f'applikazzjoni tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou

#### 1. L-ISFOND STORIKU

Fid-dawl tad-deterjorament tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Ginea, fl-20 ta' Marzu 2004, l-UE bdiet konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou. Il-konsultazzjonijiet, li ġew konklużi fl-14 ta' April 2005, kienu wasslu għal numru ta' impenji min-naħa tal-Ginea. Djalogu politiku akkumpanjat minn missjonijiet ta' segwiment ġew stabbiliti waqt il-perjodu tat-twettiq tal-impenji. Dan il-perjodu, li inizjalment kien ġie stabbilit li kellu jidur 3 snin, ġie miżjud għal erba' snin, sal-14 ta' April 2009, minħabba dewmien fl-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġiżlattivi li kienu l-impenn l-aktar importanti (l-impenji l-oħra kienu tqiesu bħala mwettqa sa livell aċċettabbli).

It-tħabbir tal-mewt tal-President Conté u n-nomina tal-President tal-Assemblea Nazzjonali, Aboubacar Somparé, għall-post ta' Kap tal-Istat interim, fit-23 ta' Diċembru 2008, ġew segwiti xi sghat wara minn kolp ta' stat militari minn ġunta li kkostitwiet ruħha f'Kunsill Nazzjonali għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (CNDD), li kienet tikkonsisti f'26 uffiċjal u 6 pajżana. Is-CNDD pproklama s-sospensjoni tal-Kostituzzjoni u tal-attivitajiet tal-unions u politiċi, flimkien mad-dissoluzzjoni tal-istituzzjonijiet tar-Repubblika u wara dan stabbilixxa reġim provviżorju sabiex jassigura l-amministrazzjoni tal-pajjiż sa meta jitwaqqaf gvern ta' tranżizzjoni. Is-CNDD stabbilixxa l-kwartieri ġenerali tiegħu fil-kamp militari ta' Alpha Yaya f'Conakry u eleggja wieħed mill-membri tiegħu, il-Kaptan Moussa Dadis Camara, li pproklama lilu nnifsu President tar-Repubblika. Bħala ġustifikazzjoni għall-kolp ta' stat, is-CNDD rrefera għas-serq ta' flus pubbliċi, il-korruzzjoni ġeneralizzata, in-nuqqas ta' leġittimità tal-Gvern u l-Assemblea Nazzjonali, l-impunità bħala sistema ta' gvern u l-anarkija fl-istruttura tal-istat li kienu tefgħu il-pajjiż f'sitwazzjoni katastrofika. Huwa poġġa l-ħtija fuq il-membri tal-gvern ta' Souaré u fuq l-istituzzjonijiet tar-Repubblika. Minħabba x-xewqa ġenerali li jkun hemm bidla mir-reġim ta' Conté u l-biża' minn destabilizzazzjoni tal-pajjiż, is-CNDD ġie milqugħ tajjeb mill-opinjoni pubblika fil-Ginea, inklużi l-mexxejja tal-partiti politiċi prinċipali, il-unions u s-soċjetà ċivili.

Il-kolp ta' stat kien akkumpanjat minn tibdil fl-armata, b'mod partikolari permezz tal-irtirar sfurzati ta' numru ta' ġenerali. Is-CNDD ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jorganizza elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi qabel tmiem l-2010 u stieden lill-partiti politiċi u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili sabiex jifformulaw proposti dwar kif għandha ssir it-tranżizzjoni paċifika lejn reġim kostituzzjonali u demokratiku. Dawn tal-aħħar ippreżentaw proposti ta' pjanijiet sabiex isiru elezzjonijiet qabel tmiem l-2009.

Fil-31 ta' Diċembru 2008, il-President tas-CNDD nnomina lil Kabiné Komara, uffiċjal bankarju għoli internazzjonali, għall-post ta' Prim Ministru sabiex jifforma gvern ta' tranżizzjoni. Qabel dan, diġà kienu ġew innominati tliet ministri b'mod provviżorju; il-Ġeneral Toto Camara (Ministru tas-Sigurtà u l-Protezzjoni Ċivili), il-Kurunell Sékouba Konaté (Ministru tad-Difiża) u l-Kaptan Claude Pivi<sup>1</sup> (Ministru tas-Sigurtà Presidenzjali). Dawn it-tliet persuni flimkien mal-President tas-CNDD jidhru li huma l-persuni li jiddominaw

---

<sup>1</sup> Dan huwa ġeneralment meqjus bħala l-moħħ wara r-ribelljoni tal-armata f'Mejju 2008 u l-arkitett ewlieni tal-kolp ta' stat ta' Diċembru 2008. Bosta sorsi jakkużawh li huwa qrib ta' traffikanti tad-droga.

is-CNDD. Fl-14 ta' Jannar, il-Prim Ministru ħabbar in-nomina tal-gvern ta' tranżizzjoni tiegħu, magħmul minn 28 ministru. Dan il-gvern ġie mħabbar, skont l-ewwel dikjarazzjonijiet tas-CNDD, bħala gvern ċivili, iżda fil-fatt huwa jinkludi 10 uffiċjali militari (fil-biċċa l-kbira membri tas-CNDD)<sup>2</sup>, li fosthom hemm il-ministri fl-aktar pożizzjonijiet importanti: il-ġustizzja, is-sigurtà, id-difiża, il-kummerċ u l-finanzi. Erba' ministeri importanti huma direttament f'idejn il-Presidenza tar-Repubblika (id-Difiża Nazzjonali, il-Kostruzzjoni u l-Ippjanar tal-Użu tal-Art, il-Finanzi, u s-Servizzi Speċjali/ il-Ġlieda Kontra d-Droga)<sup>3</sup>. L-ebda rappreżentant tal-partiti politiċi, tal-unions u tas-soċjetà ċivili ma jinsab fuq il-lista tal-Ministri. Fil-mument meta saret in-nomina, il-President tas-CNDD ta diskors li fih ħabbar serje ta' riformi sabiex tisewwa l-ekonomija nazzjonali, tiġi introdotta l-moralità fil-ħajja soċjali u tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni, u ħabbar b'mod partikolari miżuri fl-oqsma tal-ilma u l-elettriku, l-impjiegi, il-politika monetarja, it-taxxi, is-sigurtà tal-ikel, il-finanzi pubbliċi, il-ġestjoni tas-settur tal-minjieri, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. F'dan id-diskors ma saret l-ebda refereza għall-organizzazzjoni ta' tranżizzjoni lejn id-demokrazija. Wara dan, huwa waqqaf Kunsill Ġuridiku u Kumitat tal-Verifika u tas-Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Ekonomija Nazzjonali.

L-UE, l-UA, l-ECOWAS, l-Istati Uniti u n-Niġerja kkundannaw it-teħid tal-poter bil-forza u ħeġġew lis-CNDD sabiex jerġa' jistabilixxi l-ordni kostituzzjonali. Il-Ginea ġiet sospiża mill-Unjoni Afrikana, mill-ECOWAS u mill-OIF (l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Pajjiżi Frankofoni). L-Istati Uniti ssuspendew il-kooperazzjoni tagħhom minbarra l-għajnuna umanitarja u l-miżuri favur it-tranżizzjoni, u talbu lill-Gvern ta' Tranżizzjoni sabiex jippubblika d-dati għall-elezzjonijiet. Min-naħa l-oħra, ir-reġim intlaqa' tajjeb mil-Libja, mis-Senegal, mill-Mawritanja u mill-Gambja. L-ECOWAS beda sforzi ta' medjazzjoni mar-reġim militari sabiex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni. Twettqu wkoll xi missjonijiet mill-Unjoni Afrikana, in-NU, Franza u l-Unjoni Ewropea, li kollha kemm huma wasslu l-istess messaggġ li huwa neċessarju li jsiru elezzjonijiet fil-futur qarib u jiġu mħarsa l-prinċipji demokratiċi.

## **2. KONKLUŻJONIJET TAL-MISSJONI TA' MONITORAĠĠ TAL-ARTIKOLU 96 TAL-14-16 TA' JANNAR 2009**

Din il-missjoni esploratorja ġiet irrealizzata fil-qafas tal-konsultazzjonijiet li kienu diġà jinsabu għaddejjin fuq il-bażi tal-Art. 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u kellhom l-għan prinċipali li jeżaminaw is-sitwazzjoni politika l-ġdida li kienet tfaċċat wara l-kolp ta' stat militari, bil-għan li jiġu proposti azzjonijiet xierqa, partikolarment fil-qafas ta' konsultazzjonijiet oħra taħt l-Artikolu 96. Il-missjoni ġiet organizzata u twettqet bil-parteċipazzjoni tal-UA u tal-ECOWAS. Il-konklużjonijiet tal-missjoni jistgħu jitqassru kif ġej:

- Tħassib dwar l-intenzjonijiet tal-mexxejja tal-kolp ta' stat u r-rieda vera tagħhom li jwettqu tranżizzjoni lejn id-demokrazija.
- Inċertezzi dwar il-koeżjoni interna tas-CNDD u riskju għoli ta' diffikultajiet interni jew ta' kolp ta' stat ġdid.

---

<sup>2</sup> Ta' min jinnota li l-Ġeneral Toto Camara u l-Kurunell Konaté nżammew fil-postijiet tagħhom filwaqt li l-Kaptan Pivi li ma kienx fuq il-lista tal-ministri ġie kkonfermat permezz ta' digriet.

<sup>3</sup> Skont il-President tas-CNDD, il-fatt li l-Ministeru tal-Finanzi huwa f'idejn il-Presidenza tar-Repubblika huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li jkun hemm kontroll mill-qrib fuq l-infiq pubbliku, u dak tal-Ministeru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar tal-Użu tal-Art mill-ħtieġa li jkun hemm kontroll fuq il-bejgħ tal-artijiet pubbliċi u l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi tal-kostruzzjoni. Il-President tas-CNDD ma jqisx li s-servizzi attwali f'dawn il-Ministeri huma affidabbli biżżejjed. Paradoxsalment, il-Ministeru tal-Minjieri ma tpoġġiex direttament f'idejn il-President.

- Telf ta' kunfidenza tal-partiti politiċi, il-unions u s-soċjetà ċivili fl-intenzjonijiet tas-CNDD u l-għeluq gradwali tat-tieqa tal-opportunità għal tranżizzjoni lejn id-demokrazija.
- Dewmien sostanzjali fil-proċess ta' reġistrazzjoni tal-eletturi.
- Riskji ta' deterjorament rapidu fil-kundizzjonijiet tal-għajxien u d-drittijiet tal-bniedem (sospensjoni tal-attivitajiet tal-unions u dawk politiċi, tkeċċija ta' membri tal-forzi armati, riskju ta' persekuzzjoni ta' individwi) u r-reazzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Ginea (dimostrazzjonijiet).
- Teħid ta' kontroll gradwali mill-ġunta fl-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, il-bank ċentrali, il-ministeru tal-finanzi u d-dwana bil-konsegwenza possibbli ta' ffriżar jew ta' tnaqqis fir-ritmu tal-attività ekonomika.
- Il-kundizzjonijiet diffiċli tekniċi u operattivi tat-tranżizzjoni u l-konfużjoni dwar il-mod kif din għandha tiġi organizzata. Madankollu, jeżistu xi punti ta' konverġenza li jippermettu li jiġu identifikati parametri għal tranżizzjoni potenzjali.
- L-importanza li tiġi sostnuta l-pressjoni fuq is-CNDD u li jiġu organizzati mill-aktar fis laqgħat ta' konsultazzjoni fil-qafas tal-artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou.

### 3. IL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tingħaqad mad-dikjarazzjoni tal-Prezidenza tal-31 ta' Diċembru 2008 li tikkundanna l-prinċipju tat-teħid tal-poter bil-forza u tappella sabiex il-Ginea twettaq mill-aktar fis possibbli u fi spirtu ta' kunsens, tranżizzjoni paċifika, ordnata u demokratika b'tali mod li jiġi stabbilit, mill-aktar fis, il-funzjonament normali tal-istituzzjonijiet, partikolarment permezz ta' elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi. Il-Kummissjoni tiddikjara li hija lesta li tappoġġja l-miżuri tal-ECOWAS u tal-UA li għandhom l-għan li jaċċelleraw il-proċess tat-tranżizzjoni, partikolarment billi tgħin sabiex jiġu organizzati dawn l-elezzjonijiet.

L-Artikolu 9(2) tal-Ftehim ta' Paternarjat AKP-KE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 jiddefinixxi l-elementi essenzjali li fuqhom hu bbażat il-partenarjat. Ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem jispiraw il-politika interna u internazzjonali tal-partijiet u jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim. Fid-dawl ta' dan l-Artikolu u tal-kundizzjonijiet li fihom il-ġunta ħatfet il-poter fil-Ginea, il-Kummissjoni tinnotta li seħħet vjolazzjoni partikolarment serja u flagrante ta' dawn l-elementi essenzjali u tikkunsidra din il-qagħda bħala waħda urgente skont it-tifsira tal-Artikolu 96(2)(b) tal-Ftehim. Hija għalhekk tikkunsidra li hemm il-ħtieġa li jinfetħu konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet li bħalissa għandhom il-poter fil-Ginea biex jeżaminaw soluzzjonijiet possibbli għal din il-kriżi biex terġa' tiġi stabbilita l-ordni kostituzzjonali. Dawn il-konsultazzjonijiet se jsiru f'konformità mal-artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut u għandhom l-għan essenzjalment li jkun hemm diskussjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar pjan għat-tranżizzjoni li jispeċifika b'mod partikolari:

- il-qbil tal-partijiet kollha (CNDD, il-Gvern, il-partiti politiċi, il-unions u s-soċjetà ċivili) dwar l-istadji differenti tat-tranżizzjoni;
- it-twaqqif ta' Kunsill Nazzjonali għat-Tranżizzjoni bbażat fuq il-kunsens u li jkollu l-poteri u l-prerogattivi ta' assemblea kostitwenti;

- it-twaqqif ta' qafas legali (kostituzzjoni u liġijiet elettorali)<sup>4</sup>;
- l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali b'mod liberu u trasparenti qabel tmiem l-2009;
- kalendarju tal-elementi differenti fil-pjan.

Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'attenzjoni urġenti fil-qasam tal-libertà u tas-sigurtà tal-persuni, il-libertà tal-espressjoni flimkien mal-assenza tal-użu tat-tortura u ta' kull att inuman jew degradanti, għandu jitqies bħala element fundamentali tat-tranżizzjoni.

Dan id-djalogu għandu jagħti lill-ġunta fil-Ginea l-opportunità li tippreċiża l-intenzjonijiet u l-proposti tagħha għal soluzzjoni biex tintemm il-kriżi u lill-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi, abbażi ta' dan id-djalogu, safejn tista' tappoġġja inizjattivi li jwasslu għal konformità mal-Artikolu 9(2) tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou.

Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill biex jistieden ir-Repubblika tal-Ginea għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou b'konformità mal-abbozz ta' ittra mehmuż hawnhekk.

---

---

<sup>4</sup> Dan il-punt jinkludi l-proċess ta' reġistrazzjoni tal-eletturi u l-ħolqien ta' reġistru elettorali li jkunu jgawdu l-kunfidenza tal-partijiet kollha.

## ANNEX

Brussell,

Il-Prim Ministru tal-Gvern tat-Tranżizzjoni  
tar-Repubblika tal-Ginea  
Conakry  
Il-Ginea

## ABBOZZ

Onorevoli Prim Ministru,

Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-31 ta' Diċembru 2008, dwar il-kolp ta' stat fil-Ginea, il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea esprimiet il-kundanna qawwija tagħha għal kull teħid tal-poter bil-forza u appellat lill-Ginea sabiex twettaq mill-aktar fis possibbli u fi spirtu ta' kunsens, tranżizzjoni paċifika, ordnata u demokratika b'tali mod li jiġi stabbilit, mill-aktar fis, il-funzjonament normali tal-istituzzjonijiet, partikolarment permezz ta' elezzjonijiet presidenzjali u leġislattivi.

Fl-istess dikjarazzjoni, il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li hija lesta li tappoġġja l-miżuri tal-ECOWAS u tal-UA li għandhom l-għan li jaċċelleraw il-proċess tat-tranżizzjoni, partikolarment billi tgħin sabiex jiġu organizzati dawn l-elezzjonijiet.

F'applikazzjoni tal-Artikolu 96(2)(b) tal-Ftehim ta' Cotonou, u fid-dawl tal-vjolazzjoni serja u flagranti tal-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan l-istess Ftehim, għandna l-unur, fisem il-Komunità u l-Istati Membri tal-UE, li nistiednu lil pajjiżek għal konsultazzjonijiet bil-għan li, kif jipprovdni l-Ftehim, neżaminaw fil-fond is-sitwazzjoni u fejn ikun hemm il-ħtieġa, nirrimedjaw. Dawn il-konsultazzjonijiet se jsiru f'konformità mal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut u għandhom l-għan essenzjalment li jkun hemm diskussjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar pjan għat-tranżizzjoni li jista' jkun ibbażat, fost l-oħrajn, fuq il-passi u l-programm li ġejjin :

- Qbil bejn il-partijiet kollha (CNDD, il-Gvern, il-partiti politiċi, il-unions u s-soċjetà ċivili) dwar l-istadji differenti tat-tranżizzjoni
- It-twaqqif ta' Kunsill Nazzjonali għat-Tranżizzjoni bbażat fuq il-kunsens u li jkollu l-poteri u l-prerogattivi ta' assemblea kostitwenti.
- It-twaqqif ta' qafas legali (kostituzzjoni u liġijiet elettorali)<sup>5</sup>.
- L-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali b'mod liberu u trasparenti qabel tmim l-2009.
- Skeda tal-elementi differenti fil-pjan.

Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'attenzjoni urġenti fil-qasam tal-libertà u tas-sigurtà tal-persuni, il-libertà tal-espressjoni flimkien mal-assenza tal-użu tat-tortura u ta' kull att inuman jew degradanti, għandu jitqies bħala element fundamentali tat-tranżizzjoni.

Qed nissuġġerixxu li dawn il-konsultazzjonijiet iseħħu dalwaqt f'data li dwarha jinstab ftehim komuni fil-bini tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi Brussell. Il-konsultazzjonijiet għandhom

---

<sup>5</sup> Dan il-punt jinkludi l-proċess ta' reġistrazzjoni tal-eletturi u l-ħolqien ta' reġistru elettorali li jkunu jgawdu l-kunfidenza tal-partijiet kollha.

jippermettu lill-Ginea sabiex tkun aktar preċiża fir-rigward tar-ritorn urġenti u paċifiku lejn id-demokrazija fil-legalità eżistenti u fir-rispett sħiħ tal-kostituzzjoni, u tistabilixxi l-miżuri xierqa li jakkumpanjaw din it-tranżizzjoni.

Għodna dejjem tiegħek,

Għall-Kunsill

Għall-Kummissjoni

Kopji : Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP - UE  
Presidenza tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP  
Segretarju Ġenerali tal-Grupp tal-Istati tal-AKP